MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Appell Kriminali Numru. 5/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maurizio Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Maurizio Azzopardi talli fil-11 ta' Jannar, 2002 ghall-habta tas-2.00pm fil-Hamrun u f' dawn il-Gzejjer (1) hedded bi kliem lil Mario Agius, (2) qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku, u (3) volontarjament kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Jannar, 2003 li permess taghha dik il-qorti lliberat lil Maurizio Azzopardi mit-tielet imputazzjoni izda sabitu hati skond iz-zewg imputazzjonijiet l-ohra, u kkundannatu hamsa w ghoxrin lira ammenda fuq l-ewwel imputazzjoni u hmistax-il lira ammenda, fuq it-tieni imputazzjoni; dik il-

qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 (1) tal-Kap.9, rabtet lill-istess Maurizio Azzopardi b'obbligazzjoni personali ta' mitt lira li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Mario Agius ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Maurizio Azzopardi, minnu ppresentat fis-17 ta' Jannar, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Illi mit-tlett aggravji prospettati fl-imsemmi rikors ta' appell, l-uniku wiehed li jimmerita li jigi akkolt huwa l-ewwel wiehed. Dan l-ewwel aggravju hu fis-sens li, galadarba d-diskors bejn Azzopardi u Agius sar permezz tat-telefon, bit-tnejn li huma fir-residenzi rispettivi taghhom, jigi nieqes l-element tal-pubblicita' mehtieg ghall-finijiet tal-paragrafu (bb) tal-Artikolu 338 tal-Kap.9. L-appellant, f' dan ir-rigward, ghandu ragun. Kwantu, pero', ghaz-zewg aggravji l-ohra – li huma fis-sens li ma jirrizultax kliem ta' theddid fil-konfront tal-imsemmi Agius – dawn huma infondati. Mill-provi jirrizulta car li Azzopardi qal kliem ta' theddid fil-konfront ta' Agius.

Ghall-motivi premessi tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti, u cioe' billi thassar u tirrevoka dik is-sentenza biss f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu ammenda ta' hmistax-il-lira, izda tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu tal-obbligazzjoni ta' sena jibda jiddekorri mill-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------